# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 16 ta' Mejju 2001**

**Avviz. numru 533/99**

**Numru 20**

**Tabib Principali tal-Gvern**

**vs**

**Dr Raymond Zammit, kuratur appuntat sabiex jirrapprezenta lil assenti Rody Kadria, permezz ta' digriet.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut nomine jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' hames mija u ghaxar Liri Maltin (Lm510) dovuta ghal kura u servigi moghtija lil Rody Kadria fl-Isptar San Luqa mit-3 sad-9 ta' Ottubru, 1996.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' Marzu, 1998 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine (a fol 2 tal-atti) li biha eccepixxa:

1. Illi huma mhux edotti mill-fatti u jitolbu lill-atturi jinformawhom fejn u kif jistghu jikkomunikaw ma' Rody Kadria.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi fuq il-fatti in esami, waqt li jidher li l-konvenut Rody Kadria, ta' nazzjonalita' Egizzjana u imsiefer minn Malta ma setax jigi rintraccat (ara fol 13 tal-atti), Emanuel Caruana, "qua" Principal fis-sezzjoni tad-dhul, tad-Dipartiment involut, ikkonferma li l-istess Rody Kadria ghandu jaghti, sallum, is-somma specifikata fl-avviz in esami u dan in konnessjoni ma kura li dan inghata fl-Isptar ta' San Luqa mit-3 sal-10 ta' Ottubru 1996 (ara fol 11 u 12 tal-istess atti).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm510.00,0 bl-imghax legali mit-23 ta' Marzu 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Marzu 1998.

Alan Calleja
Dep.Reg